# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 502/2018 JPG**

**Kawza Numru : 31**

**GM**

**vs**

**VG**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' GeGM, datat 9 ta' Novembru 2018, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) skont i-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';*

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), hekk kif inhu ddikjarat fil-kuntratt tas-separazzjoni datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), in atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B';*

*Illi minn tali zwieg ma kellhomx tfal;*

*Illi fic-cirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom de facto separati ghal dawn l-*

*ahhar erba' (4) snin, u kull parti qed issegwi hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment bejn il-partijiet;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet tal-Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fit-terminu moghti minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' VG, datata 12 ta' Dicembru 2018, a fol 11, li taqra hekk:

*Illi hija qieghda taqbel mal-kontenut tar-rikors suindikat u mat-talbiet imressqa mir-rikorrent GM u ghalhekk ma topponix illi z-zwieg taghhom jinhall u jigi ppronunzjat id-divorzju bejniethom.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**GM** a fol 13 *et seqq.*, xehed illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Gunju 2013, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Spjega illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn Gunju tas-sena 2014, izda kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-27 ta' Gunju 2018 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Ikkonferma illi m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**VG** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]***

> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

*adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Gunju 2013, (Vide Dok.A, a fol 3), u li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Gunju 2018, in atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara (Vide Dok B, a fol 4);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**